Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 178/2007

**Avukat Edward Debono bhala mandatarju tas-socjeta estera assenti Easy Logistics APS (appellat)**

**Vs**

**Jet Services Limited (appellanti)**

31 ta' Ottubru, 2016.

1. L-attur nomine harrek lill-konvenuta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghas-somma ta' €6,568.74 ghall-bejgh u konsenja ta' oggetti.

2. Il-konvenuta wiegbet:

    1. Il-konvenuta ma gietx notifikata fl-indirizz ufficcjali taghha.
    2. L-attur nomine jrid jaghti prova tal-mandat.
    3. L-azzjoni hi preskritta (Art. 544(a) tal-Kodici tal-Kummerc).
    4. Il-konvenuta m'hijiex debitur tal-attrici in kwantu kull pendenza bejn il-partijiet ilha zmien li giet rizolta.
    5. Il-merkanzija kienet giet konsenjata tardivament, u dan wassal biex il-konvenuta sofriet danni. Merkanzija ohra kellha l-hsara u l-klijent irrifjuta li jhallas ghas-servizz ta' noll.

3. B'sentenza tat-2 ta' Mejju 2011, l-ewwel qorti cahdet it-tieni u tielet eccezzjonijiet.

4. B'sentenza tal-20 ta' April, 2015, l-ewwel qorti cahdet ir-raba' u hames eccezzjonijiet u kkundannat lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €6,568.74.

5. Il-konvenuta appellat mis-sentenzi. L-aggravji huma:

    i. L-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 544(a) tal-Kodici tal-Kummerc.
    ii. Kull pendenza bejn il-partijiet kienet giet rizolta.
    iii. Il-merkanzija kient konsenjata tardivament u merkanzija ohra kellha l-hsara.

6. L-attrici wiegbet u tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell kellu jigi michud.

7. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

8. Ghal dawk li huma fatti, dawn gew riprodotti b'mod konciz u preciz mill-ewwel qorti fis-sentenza tal-20 ta' April 2015 (ara fol. 3 tas-sentenza).

9. Fil-fehma tal-qorti l-prova regina f'din il-kawza kienet email li Kevin Mifsud, ghas-socjeta konvenuta, baghat lill-attrici (13 ta' Jannar 2004, fol. 28) u li taqra hekk:-

*"Dear Sir,*

*We are in receipt of your letter dated the 30th December which was faxed to us on the 5th of January 2004 regarding an overdue balance to East Logistics of 40594 DKK.... payment cannot yet be effected since we are having some technical problems with our Bankers. In fact we are in the process of shifting all our Accounts with another Bank which is offering a better service and therefore our operations are at a standstill and payment are withheld. The process was promised to be a swift one but according to the last feedback I had from both banks was that the shifting still needs some time to be finalized. Henceforth when all is ok,* ***payment should be effected immediately and I will keep you posted on the matter****. In the meantime however I had mailed to East Logistics an objection on the 27th October 2003 with regards to an invoice no. 27004 amounting to 2230 Euro concerning a shipment which for some reason arrived very late to us and in turn our client lost the contract of sale of the items and consequently refused to pay us. This action left us no option but to hold East Logistics responsible and therefore withheld payment. Kindly be so guided."*

Dan id-dokument hu ammissjoni li l-hlas kien dovut, hlief ghal kont numru 27004 li kien qieghed jigi kkontestat ghar-raguni li tissemma fl-email.

10. L-Artikolu 544(a) tal-Kodici ta' Kummerc jitratta l-preskrizzjoni ta' azzjoni ghall-hlas ta' *freight*. Il-freight jithallas lill-*carrier*. Fil-kaz in ezami ma saritx prova li l-attrici hi *carrier*. Kieku l-attrici kienet *carrier*, suppost inhargu poloz ta' karigu ghall-garr tal-merkanzija. M'hemmx prova li bejn il-partijiet kien gie konkluz kuntratt ta' garr bil-bahar. Anzi mill-korrispondenza li hemm a fol. 29-33, hu evidenti li l-attrici ma kinitx il-carrier tal-merkanzija li ntbaghtet Malta. Hemm ukoll sentenzi li ddikjaraw li din id-disposizzjoni tapplika biss fir-rigward ta' noll dovut minn garr ta' merkanzija bil-bahar (ara per ezempju sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri), **Grima nomine vs Mifsud nomine** tas-27 ta' Dicembru 1991[1]. L-attrici ma garritx merkanzija bil-bahar. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, ma tapplikax id-disposizzjoni li fuqha l-konvenuta bbazat it-tieni eccezzjoni.

11. Fir-rigward tat-tieni aggravju, m'hemmx prova li, *".... Kull pendenza bejn il-partijiet ilha zmien li giet rizolta."* M'hemmx prova li sar il-pagament u wisq inqas li sehhet xi transazzjoni.

---

[1] Il-qorti qalet li mill-Artikoli 273 u 373 tal-Kodici tal-Kummerc, *".... Ma jidhirx li jista' jigi dubitat illi l-preskrizzjoni tal-art. 544(a) hija mahsuba ghall-azzjonijiet konnessi mal-kuntratt ta' nolegg ta' bastiment u ghalhekk ma jistax jigi nvokat fil-kaz prezenti."*

12. L-ilment li kien hemm merkanzija li waslet tard u li merkanzija ohra kellha l-hsara. Dan l-ilment jista' biss kien qieghed jirreferi ghall-kont numru 27004 ghaliex fir-rigward tal-ohrajn, fl-email tat-13 ta' Jannar 2004 il-konvenuta kkonfermat li kienet ser thallas. It-tezi tal-konvenuta baqghet biss allegazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.